***Ruling* mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta 459 tal-11 ta' Mejju 2021 dwar rappurtaġġ fil-*media***

Fis-Seduta 458 tal-10 ta' Mejju 2021, l-Onor. Glenn Bedingfield qajjem każ ta' ksur ta' privileġġ fil-konfront ta' The Shift News dwar artiklu li deher fuq is-sit elettroniku tagħhom ilbieraħ stess bl-isem '*Prime Minister Abela misled Parliament on expenditure on public relations firms*,' u nikkwota:

> "**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Sur President, f'din l-ewwel okkażjoni li għandi llum, f'isem il-Prim Ministru nqajjem każ ta' ksur ta' privileġġ kontra *portal* bl-Ingliż li qed jagħmel akkużi serji fil-konfront tal-Prim Ministru u din il-Kamra. Qed nirreferi għal rapportaġġ li għadha kif tellgħet fil-*website* tagħha *The Shift News* ftit tal-ħin ilu fejn qed tgħid hekk:
>
> > *"Prime Minister Robert Abela misled Parliament on expenditure on public relations firms".*
>
> Il-Prim Ministru, b'referenza għall-mistoqsija parlamentari 19371 wieġeb korrettement u għalhekk din l-istorja hija malizzjożament intenzjonata biex tpoġġi lill-Prim Ministru f'dawl ikraħ. Nerġa' ngħid, il-Prim Ministru wieġeb għall-mistoqsija parlamentari tal-Onor. Jason Azzopardi. Jekk il-*portal* bl-Ingliż għandhom diffikultà biex jaqraw bil-Malti nistedinhom jaqraw sew il-mistoqsija li għamel l-Onor. Jason Azzopardi però għandhom jaqraw ukoll sew it-tweġiba li ta l-Uffiċċju tal-Prim Ministru għaliex huma ma staqsewx dwar l-Uffiċċju tal-Prim Ministru *per se* imma l-mistoqsija kienet dwar l-entitajiet u d-dekasteri. U issa hija prassi li l-Prim Ministru jista' jwieġeb għal dak li għandu taħtu llum mhux dak li kellu qabel.
>
> Naħseb li dan l-artiklu, bla dubju, mhuwiex artiklu veritier imma huwa artiklu intenzjonat biex jagħmel il-ħsara lill-ġieħ tal-Prim Ministru li kien qed jaqdi d-doveri tiegħu meta wieġeb korrettement għall-mistoqsija li saritlu mill-Onor. Jason Azzopardi. Għalhekk nitlob li dan il-każ ikun investigat, issir ratifika u jkun investigat abbażi ta' ksur ta' privileġġ.
>
> **L-ISPEAKER:** Onor. Bedingfield, nitolbok tgħaddili l-artiklu u d-dokumenti kollha li tkellimt dwarhom.
>
> **ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Sur President, jien qed nippreżentalek l-artiklu fuq il-Mejda tal-Kamra. Naturalment il-mistoqsija diġà qiegħda fl-atti ta' ..."

Is-Sedja għamlet referenza għall-mistoqsija parlamentari li rrefera għaliha l-Onor. Bedingfield u nikkwota l-mistoqsija parlamentari 19371 u t-tweġiba li ngħatat fis-Seduta 456 tal-4 ta' Mejju 2021:

> "**19371. L-ONOR. JASON AZZOPARDI** staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2390 u jgħid u jelenka kemm intefqu flus minn kull entità u dipartiment li jaqa' taħtu, għal konsulenza fuq *public relations* jew komunikazzjoni, minn Marzu 2013 sal-jum li fih din l-interpellanza tkun imwieġba, maqsuma sena b'sena?

> **ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab infurmat li ebda entità u dipartiment fid-dekasteru tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru ma nefqu flus għal konsulenza fuq *public relations* jew komunikazzjoni minn Marzu 2013 'l hawn."

Is-Sedja għamlet referenza wkoll għall-artikolu li deher fuq www.theshiftnews.com fejn skont l-istess artikolu qed jissemma l-għoti ta' kuntratti ta' konsulenzi lil diversi kuntratturi għal servizzi mogħtija lill-diversi entitajiet fosthom l-Uffiċċju tal-Prim Ministru, il-Ministeru tal-Finanzi, l-MFSA, l-Awtorità tal-Ippjanar u oħrajn.

Is-Sedja hawnhekk tinnota li l-artiklu m'għamilx biss referenza għal infiq f'konsulenzi ta' entitajiet fid-dekasteru li jaqa' taħt l-Uffiċċju tal-Prim Ministru iżda għal infiq tal-entitajiet li jaqgħu taħt Ministeri oħra. Innotat ukoll li, pereżempju l-MFSA, fil-bidu ta' din il-leġiżlatura, kienet għamlet żmien taqa' taħt l-Uffiċċju tal-Prim Ministru. Innotat ukoll li matul it-12-il Leġiżlatura l-Awtorità tal-Ippjanar kienet ukoll taqa' taħt l-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

Biex tara jekk dak li ġie rappurtat setax jammonta għal *prima facie* ksur ta' privileġġ, is-Sedja għamlet referenza wkoll għal dak li tgħid l-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra (Kap. 113), senjatament is-subinċiż 11(4)(k) li jgħid li jkun reat kontra dan l-Att:

> "(k) il-pubblikazzjoni volontarja jew bi traskuraġni ta' xi rapport falz jew mgħawweġ ta' xi dibattitu jew proċedimenti tal-Kamra jew ta' xi Kumitat tagħha."

F'dan ir-rigward is-Sedja għamlet ukoll referenza għal numru ta' *rulings* preċedenti li ttrattaw ilmenti simili biex tara jekk l-artiklu jistax jitqies bħala wieħed manipolattiv jew qarrieqi intiż biex jagħti impressjoni dijametrikament opposta għal dak li fil-fatt intqal fil-Kamra. Rat ukoll jekk dak li ġie rappurtat jaqax fil-qafas ta' kumment politiku u ta' espressjoni ħielsa tal-kittieb u ta' min ippubblikah, frott ta' ġurnaliżmu investigattiv.

Għalhekk f'dan il-kuntest is-Sedja trid tara jekk ir-rapportaġġ indikat jaqax fl-isfera leġittima ta' espressjoni ħielsa u libertà tal-istampa jew jekk, *ai termini* tar-regolamenti tal-Kamra kienx hemm l-elementi neċessarji li jikkostitwixxu *prima facie* ksur ta' privileġġ. Hawnhekk is-Sedja se tikkwota minn *ruling* mogħti mill-Ispeaker Louis Galea fit-18 ta' Mejju 2009, u nikkwota:

> "Fil-ħarsien tal-qadi sħiħ tad-dmirijiet tal-Membri, bis-saħħa tal-privileġġ li tagħtihom il-liġi, trid tinżamm dejjem ċara d-distinzjoni oġġettiva bejn in-nuqqas ta' qima dovuta, l-insult, il-malafama, ir-rappurtaġġ falz u mgħawweġ min naħa, u min naħa oħra l-kummenti u l-analiżi tal-opinjoni pubblika f'kull mezz ta' komunikazzjoni tal-aġir, stqarrijiet, deċiżjonijiet u pożizzjonijiet politiċi li jadottaw il-Membri ta' din il-Kamra. Hu dmir tas-Sedja li tipproteġi lill-Membri kontra tal-ewwel meta dan tassew iseħħ, u lill-pubbliku u l-midja fir-rigward tad-dritt tal-libertà tal-espressjoni."

Is-Sedja tara li r-rapportaġġ kien ibbażat fuq riċerka addizzjonali għall-informazzjoni li ngħatat fit-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 19371 li kienet inċidentalment tkopri l-perjodu indikat fl-istess mistoqsija parlamentari. Iżżid li filwaqt li tagħraf li t-titolu tal-artikolu ċertament mhuwiex feliċi xejn meta jiġi applikat għar-responsabbilitajiet li għandu taħtu llum il-Prim Ministru kurrenti, l-Onor. Robert Abela, tagħraf ukoll li matul il-perjodu kopert mill-interpellanza parlamentari msemmija, ir-responsabbiltà tal-entitajiet, kif jiġri dejjem, imxew minn taħt Ministeru għal ieħor skont l-eżiġenzi u l-prijoritajiet ta' amministrazzjonijiet varji.

Għaldaqstant, fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, is-Sedja ma tarax li r-rapportaġġ inkwistjoni jammonta għal *prima facie* ksur ta' privileġġ.

Is-Sedja qiegħda madankollu ttenni li filwaqt li għandha kull rispett lejn ix-xogħol li jitwettaq mill-ġurnalisti f'dak li huwa rapportaġġ u analiżi ta' dak li jingħad u jitressaq fil-Parlament, hija tieħu din l-opportunità biex tappella lill-mezzi tal-media sabiex dejjem ikunu prudenti u fidili fl-eżerċizzju tad-doveri tagħhom billi jaraw li dak li jirrapportaw ikun jirrifletti fedelment il-kelma u l-ispirtu ta' dak li jingħad u jsir fil-Kamra.